# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T' APRIL 2002

**Avviz Nru 1853/99DM**

**Joe Pace ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marthese Scerri sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Jeffrey Agius**

### Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbu il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' mitejn u erbgha u sebghin lira u seba' centezmi (Lm274.07) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat mill-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi,

bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incidenti awtomobilistiku tat-30 ta' Lulju 1999 f' Burmarrad Road, Burmarrad, bejn il-vettura numru JBB 909 misjuqa minnhu u l-karrozza numru AAF 283 misjuqa minn Carmen Pace u proprjeta tal-assikurata Marthese Scerri prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl- imghax legali mid-data tal-presentata tal-Avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 1999 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tieghu a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jjigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress li l-incident mertu tal-avviz fl-ismijiet fuq premessi sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolament tat-traffiku da parti tal-assikurata tas-socjeta attrici Marthese Scerri li waqt li kienet qed issuq il-vettura AAF 283 rasset u saqet ghal fuq il-vettura misjuqa minn l-eccipjenti bil-konsegwenzi kollha;

2 Minghajr pregudizzju ghas-suesppost, l-ammont mitlub bhala danni allegatament sofferti huwa esagerat u dana tenut kont li l-impatt kien wiehed minimu;

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

4 Bl-ispejjez

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Ghal dak li jirrigwarda responsabbilta ghall-incident is-sewwieqa involuti, cioe Carmen Pace li kienet qed issuq il-vettura assikurata mal-kumpanija attrici u l-konvenut Jeffrey Agius, taw verzjonijiet differenti.

Carmen Pace tallega illi kienet mixja f'linja ta' traffiku f'Triq Burmarrad, kienet innutat lill-konvenut gej minn warajha u fl-istess direzzjoni, inntatu jghamel manuvra fejn telaq it-triq principali distanza zghira biex setgha qabez ftit traffiku illi kellhu fuq il-lemin tieghu. Meta reggha dahal fi Triq Burmarrad u Carmen Pace kienet ghadha kif issuperat trakk li kien hemm ipparkjat, huwa pprova jidhol fil-linja li kienet qed issuq fiha Carmen Pace izda minhabba kalkolu

hazin habat mal-bieba tan-naha tax-xellug taghha u kkawzalha hsara.

Min-naha tieghu, il-konvenut Jeffrey Agius, jallega illi waqt li qed isuq fl-istess direzzjoni ta' Carmen Pace sab trukk ipparkjat quddiemu u kellhu ghalhekk jisposta ruhhu lejn il-lemin tieghu biex jissupera dan it-trukk, giet il-vettura ta' Carmen Pace minn warajh u ma ceditlux, b'rizultat illi habat maghha.

Minn dawn il-verzjonijiet l-unika wahda attendibbli hija dik ta' Carmen Pace. Infatti l-verzjoni ta' Jeffrey Agius ma hijiex sorretta mill-iskecc peress illi dan juri illi l-habta ma saritx kif ezatt Jeffrey Agius kisser lejn il-lemin biex jibda jissupera t-trukk izda saret wara li z-zewg vetturi kienu ampjament ssuperaw it-trukk ipparkjat.

Inoltre il-verzjoni ta' l-istess Jeffrey Agius, kieku accettata, titfa wkoll r-responsabbilta' ghal fuqhu billi huwa jammetti illi kien hu biss illi ddevja mid-direzzjoni minnhu maghzula minhabba l-ostakolu. Jammetti wkoll illi qabel ma ghamel din id-devjazzjoni ma zammx 'a proper look out' peress illi jghid illi l-karozza li habat maghha induna biha mal-habta.

Dan jindika li l-konvenut ma harsx ghat-traffiku li setgha gej minn warajh meta ghazel biex jbiddel id-direzzjoni.

Il-Qorti ghalhekk taccetta il-verzjoni ta' Carmen Pace u ghalhekk issib illi kien il-konvenut Jeffrey Agius li b'tentativ

li jidhol fil-linja tat-traffiku f'liema kienet qieghdha ssuq Carmen Pace habat mal-vettura ta' Carmen Pace u ghalhekk ghandhu jirrispondi ghall-hsarat konsegwenzjali.

Ghalkemm il-partijiet jaqblu illi l-hsara kienet limitata ghal bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug tal-vettura misjuqa minn Carmen Pace, jirrizulta illi biex jsir din ir-riparazzjoni ghalkemm ma kienx hemm bzonn ta ebda spare parts, kien hemm bzonn illi jsir panel-beating tal-istess bieba u spray mal-gemb kollhu biex jigi evitat kwalunkwe differenza fil-kulur taz-zebgha.

Kif jirrizulta mis-survey report ikkonfermat minn Natalino Agius (a fol 32 tal-process), il-valur ghax-xoghol ta' l-ispray u panel beating kien jammonta ghal Lm185 (mija hamsa u tmenin lira Maltin) u x-xoghol kien jirrikjedi hames (5) tijiem lavorattivi.

Ghaldaqstant il-proprjetarja tal-vettura assikurata kienet ukoll intitolata biex tigi ikkumpensata ghal-vettura alternattiva fiz-zmien li l-vettura taghha kienet qed tissewwa.

Mid-dokumenti esibiti mill-atturi, jirrizultaw ampjament id-danni totali ta' Lm274.07 (mitejn erba u sebghin lira Maltin u seba' centezmi) kif mitluba fl-avviz.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas ghas-saldu tad-danni minnhu pprovokati fil-kollizzjoni

imsemmija s-somma ta' Lm274.07 (mitejn erba u sebghin lira Maltin u seba' centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Dicembru 1999; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 34